(2) *L-ispejjeż huma riżervati.*

([1]) ĠU C 283, 24.11.2007

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' April 2012 — Alstom vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-517/09)** ([1])

***("Kompetizzjoni — Suq tat-transformers tal-elettriku — Deċiżjoni tal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni — Rifjut ta' aċċettazzjoni tal-istabbiliment ta' garanzija bankarja bħala forma ta' kopertura temporanja tal-multa — Tmiem tal-interess ġuridiku — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2012/C 174/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Alstom (Levallois-Perret, Franza) (rappreżentanti: J. Derenne u A. Müller-Rappard, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouquet, N. von Lingen u K. Mojzesowicz, aġenti)

**Suġġett**

Min-naħa waħda, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 7601 finali, tas-7 ta' Ottubru 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.129 — Transformers tal-Elettriku), li jimponu multa fuq ir-rikorrenti, u, min-naħa l-oħra, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni, tal-10 ta' Diċembru 2009, li tiċħad garanzija bankarja, bħala mezz ta' rkupru temporanju ta' din il-multa.

**Dispożittiv**

(1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea, tal-10 ta' Diċembru 2009, li tiċħad garanzija bankarja, bħala forma ta' kopertura temporanja tal-multa imposta mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 7601 finali, tas-7 ta' Ottubru 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.129 — Transformers tal-Elettriku).*

(2) *L-ispejjeż huma riżervati.*

([1]) ĠU C 51, 27.02.2010.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' April 2012 — F91 Diddeléng et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-341/10)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Għeluq ta' ilment — Nuqqas ta' ftuħ ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Nuqqas ta' att li jista' jiġi kkontestat — Inammissibbiltà")***

(2012/C 174/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* F91 Diddeléng (Dudelange, il-Lussemburgu); Julien Bonnetaud (Yutz, Franza); Thomas Gruszczynski (Amnéville, Franza); Rainer Hauck (Maxdorf, il-Ġermanja); Stéphane Martine (Esch-sur-Alzette, il-Lussemburgu); Grégory Molnar (Moyeuvre-Grande, Franza); u Yann Thibout (Algrange, Franza) (rappreżentanti: L. Misson, C. Delrée u G. Ernes, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Rozet u P. Van Nuffel, aġenti)

*Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Fédération Luxembourgeoise de Football (FLF) (Mondercange, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: inizjalment K. Daly, solicitor, u D. Keane, SC, sussegwentement K. Daly)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ġunju 2010 li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward tal-ilment imressaq mir-rikorrenti kontra l-Fédération Luxembourgeoise de Football (FLF), talba għall-annullament tar-regolamenti tal-FLF li jiksru l-Artikoli 39 KE u 81 KE kif wkoll talba intiża sabiex tiġi deċiża "kull sanzjoni neċessarja".

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

(2) *F91 Diddeléng, Julien Bonnetaud, Thomas Gruszczynski, Rainer Hauck, Stéphane Martine, Grégory Molnar u Yann Thibout għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

(3) *Il-Fédération Luxembourgeoise de Football (FLF) għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

([1]) ĠU C 301, 06.11.2010.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' April 2012 — Hassan vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-572/11 R II)**

***("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi kontra s-Sirja — Iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi — Talba għal miżuri provviżorji — Talba ġdida — Fatti ġodda — Nuqqas — Inammissibbiltà")***

(2012/C 174/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Samir Hassan (Damasku, is-Sirja) (rappreżentanti: É. Morgan de Rivery u E. Lagathu, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Kyriakopoulou u M. Vitsentzatos, aġenti)